TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 150/18/F

**Lucia Scicluna**

**vs**

**3 Group – The Hub Business Centre**

Illum 25 t'April, 2019

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 t'Ottubru, 2018 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' tlett mija, ħamsa u sebgħin ewro (€375), rappreżentanti prezz ta' laptop u kif ukoll spejjeż li ħallset kull darba li ġie technician u l-laptop kien għadu bil-garanzija u li kien jiswa mitejn, ħamsa u disgħin ewro (€295).

Is-soċjeta' ntimata ma ppreżentatx risposta bil-miktub għal din it-talba, u lanqas attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet xtrat laptop għall-prezz ta' mitejn, ħamsa u disgħin ewro (€295), u waqt il-perjodu ta' garanzija beda jkollu ħafna problemi. Kull darba li kien imur it-technician, kien iżommilha l-flus u fl-aħħar ħaduh fil-workshop u qatt ma rritornah. Wara li għamlet diversi telefonati, irriżulta li dan il-laptop kellu ħsara irriparabbli.

It-Tribunal, jinnota wkoll illi dan il-laptop kien għadu taħt il-garanzija, u la rnexxielhom isewwuh u lanqas ikkuntattjawhom biex jaraw x'se jirranġaw.

Għaldaqstant, it-Tribunal jinnota li r-rikorrenti kellha raġun stante li dan il-laptop kien għadu taħt il-garanzija u lanqas tawha spjegazzjoni ta' x'jista' jkollu.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas lir-rikorrenti l-ammont ta' tlett mija, ħamsa u sebgħin ewro (€375), b'dan illi l-laptop jiġi propjeta' tas-soċjeta' intimata wara li jsir il-ħlas, u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888